MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 720/2002

**Avviz numru 720/02DM**

**Untours Insurance Agents Ltd ghall Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Maria Theresa u Michael konjugi Morris u l-istess Maria Theresa u Michael konjugi Morris**

**Vs**

**Michael Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' somma ta' LM4159.86c u lil Maria Theresa u Michael konjugi Morris Lm25 danni u ammont iehor da liquidarsi bhala danni ghal deprezzament – prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident stradali li sehh f'B'Kara fid-09.02.02 bejn vettura CAE 137 misjuqa mill-konvenut u vettura MTM 100 misjuqa mill-istanti Maria Theresa Morris u dana

minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tieghu.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap. 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz in kwantu ghall-quantum dovut lill-Untours Insurance Agents Ltd noe u bl-imghax lill-atturi l-ohra skond il-ligi kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku de quo ma garax htija tal-eccipjent izda gara unikament tort ta' l-attur Michael Morris, li skond ir-rapport tal-pulizija dwar l-incident, jirrizulta li kien qed isuq il-vettura Nru MTM 100, mhux l-attrici Maria Theresa Morris kif indikat fl-avviz;
2 Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-quantum tad-danni pretizi kemm mill-assikurazzjoni attrici noe kif ukoll mill-atturi konjugi Morris huwa eccessiv;
3 Bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fil-kaz li t-tieni eccezzjoni tirrizulta fondata, l-imghax fil-kaz taz-zewg atturi ghandu jiddekorri biss mid-data tas-sentenza;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tad-29 ta' Jannar, 2004, fejn il-konvenut iddikjara illi mhux qieghed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta'; kif l-istess ghamlu l-atturi ghal dak li jirrigwarda l-quantum tad-danni li sofra l-istess konvenut fis-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600);

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza mid-difensuri tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Ghalkemm fil-premessi tal-avviz l-atturi jindikaw lil Maria Theresa Morris bhala s-sewwieqa tal-vettura bin-numru

MTM-100 li kienet involuta fil-kollizjoni, mill-provi kollha jirrizulta ampjament stabbilit illi s-sewwieq tal-vettura assikurata mal-kumpanija attrici kien l-attur Michael Morris.

Ghalkemm fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom, bl-ewwel eccezzjoni, l-konvenuti jippretendu li t-talba attrici ghandha tkun respinta ghar-raguni biss illi bi zvista giet indikata bhala sewwieqa l-attrici Maria Theresa Morris minflok l-attur Michael Morris, din l-izvista mhijiex sufficjenti biex, a bazi taghha, tigi michuda t-talba attrici. Infatti t-talba tirrigwarda esklussivament dikjarazzjoni ta risponsabilita’ta’ l-konvenut ghall-kollizjoni specifika tad-9 ta’ Frar, 2002  u kundanna tieghu ghall-hlas tad-danni illi gew ikkawzati rrespettivament minn min setgha kien is-sewwieq tal-vettura ddanneggjata mill-konvenut.

Ghalhekk l-isem ta’ l-persuna li kien qed isuq il-karozza dannegjata ma kienx rekwizit essenzjali ghall-validita’ tat-talba u tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Billi l-konvenut mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni, il-Qorti trid tezamina biss il-kwistjoni tar-responsabbilta’ ghall-kollizjoni in kwistjoni li grat fil-fetha illi hemm faccata ta’ l-entrata li hemm  minn Naxxar Road, Hal Lija u liema fetha ukoll tiddividi zewg partijiet separati ta’ ‘service road’ illi timxi ‘parallel’ ma’ t-triq principali: Naxxar Road, Hal Lija.

Din il-kollizjoni grat ezattament kif appena l-vettura misjuqa mill-attur Michael Morris kienet ghada kif dahlet go l-imsemmija fetha minn go Naxxar Road u l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet ghada kif telqghet l-ewwel parti tas-‘service road’, qieghda tipprocedi fil-fetha biex taqbad il-parti l-ohra tas-‘service road’ fuq in-naha tal-lemin tal-vettura ta’ l-attur.

Minhabba l-konfigurazzjoni tal-lokal u tal-fteha in kwistjoni kif inhuma murija fir-ritratti esebiti a fol. 12 u 13 tal-process, u mill-konfigurazzjoni ta’ l-istess toroq li kollha jghatu ghall-istess fetha, wiehed ghandu jikkonkludi illi din

il-fetha ghandha tigi kkunsidrata bhal kull pjazza ohra li fiha jaghtu diversi toroq u r-regola allura principali hija illi kull sewwieq li jkun ser jitlaq it-triq tieghu biex jaccedi ghal go din il-fetha ghandu jipprocedi bl-akbar kawtela u jiehu l-prekawzjonijiet kollha qabel ma jitlaq it-triq tieghu u jiehu postu fil-fetha in kwistjoni biex ma jostkola b'ebda mod it-traffiku li jkun qed juza il-pjazza; waqt li kull sewwieq fil-fetha kellhu jzomm dejjem attenzjoni ghall-fatt li minn kull triq li tghati ghal gewwa l-fetha qed jidhol njew jista jidhol traffiku iehor .

Ghandhom ukoll jigu osservati r-regoli generali tas-sewqan senjatament illi vettura ghandha zzomm man-naha tax-xellug taghha kull fejn hu possibbli u li ghandha tipprocedi b'dik il-velocita' suggerita mic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fil-kaz in kwistjoni ma jirrizulta ebda sewqan b'velocita' oltre dak suggerit mic-cirkostanzi tal-kaz u ghalkemm jidher illi l-attur Michael Morris kien qed isuq b'velocita' iktar minn dik tal-konvenut dan kien ukoll suggerit mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, peress illi min kien qed jitlaq it-triq principali biex jaccedi ghal gol-fetha kellu bilfors jassikura li ma jitlajjax fit-triq principali biex b'ebda mod ma jostakola t-traffiku f'din  it-triq.

Jidher ukoll illi l-attur dahal mill-fetha li hemm mit-triq principali kif suppost, fuq in-naha tax-xellug ta' l-istess fetha u li pproceda l-gewwa fil-fetha ghal distanza sufficjenti biex ma jhalli ebda parti mill-vettura tieghu fit-triq principali li setghet tostakola t-traffiku hemmhekk ghaddej.

Minn naha l-ohra l-konvenut fil-post tal-kollizjoni jidher illi kien qieghed spostat wisq lejn in-naha tal-lemin tieghu u ma kienx qieghed effettivament izomm fuq ix-xellug tieghu daqs kemm kien mistenni.

Pero' anke f'dan ir-rigward wiehed ghandu jinnota wkoll illi fis-'service road' minn fejn kien provenjenti, kienet 'one way', fis-sens illi ma kienx hemm traffiku li seta' jipprocedi kontra d-direzzjoni tieghu u li kellu vetturi pparkeggjati fuq

iz-zewg nahat tat-triq li ghalekk ma ppermettewlux illi waqt li kien ghadu fis-‘service road’ jzomm max-xellug estrem ta’ din it-triq.

Jirrizulta pero’illi l-konvenut meta telaq din is-‘service road’ u meta allura ma kellux iktar l-ostakolu ta’ karozzi pparkeggjati fuq ix-xellug tieghu u peress illi l-kontiwazzjoni tas-‘service road’ kienet ezattament fuq in-naha l-ohra tal-fetha u fl-istess linja tas-‘service road’ li kien gej minnha., huwa b’ebda mod ma bidel il-pozizzjoni li fiha kien qed isuq u baqa jzomm fuq ma’l-lemin tieghu.

Dawk il-fatturi pero’ma kienux raguni sufficjenti biex il-konvenut ma jiehux pozizzjoni ohra iktar lejn ix-xellug tieghu meta jirrizulta ukoll li kellu karozza pparkeggjata fuq il-lemin tieghu li kienet qed tostakolalu l-viswali ghat-traffiku li seta’ kien diehel fil-fetha mill-‘main road’, u meta effettivament kien hemm indikazzjonijiet bizzejjed biex jindikawlu illi kien qieghed jipprocedi din il-fetha li kienet taghti access ghat-traffiku mill-‘main road’, minn fejn effetivament dahal l-attur Morris.

Ghalhekk il-konvenut kien obbligat li, kif appena jidhol fil-fetha u wara li jitlaq is-‘service road’ li tispicca fejn ezattament hemm is-sinjali ta’ ‘no entry’ (kif jidher fir-ritratt dokument ‘Q1’ a fol. 12 tal-process), huwa kellu jisposta ruhhu lejn ix-xellug biex b’ebda mod ma jkun ta’ ostakolu ghal xi traffiku illi seta’ kien provenjenti mill-‘main road’ u diehel ghal go din il-fetha kif kien diehel l-attur.

Minn naha l-ohra l-attur ghalkemm dahal ghal gol-fetha fuq in-naha tax-xellug ta’ l-access kif suppost, u ghalkemm ipproceda ghal gol-fetha f’distanza bizzejjed biex ma jhalli ebda parti mill-vettura tieghu tostakola t-triq principali, kellu wkoll l-obbligu illi, kif appena jasal f’dik il-pozizzjoni, minhabba l-ostakolu ghall-viswali tieghu bil-vettura pparkeggjata fuq in-naha tax-xellug tieghu, kellhu jieqaf biex jesplora l-fetha li fiha ried jipprocedi biex jaccerta ruhhu li ma jkun b’ebda mod qieghed jostakola t-traffiku illi seta’ kien qed jaghmel uzu dak il-hin minn din il-fetha kif effettivament kien diga’ qed jaghmel il-konvenut. Anzi jidher kemm mil-mod kif giet spostata l-vettura ta’ l-

konvenut u kemm mill-gravita’ ta’ d-danni, illi l-attur Morris baqa diehel fil-fetha b’velocita xi ftit eccessiva fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant jidher illi l-kawza tal-kollizjoni hija effettivament in-nuqqasijiet rispettivi tal-kontendenti sewwieqa bin-nuqqas ta’l-konvenut iktar serju li kkontribwixxa fi grad ikbar ghall-kollizzjoni u l-Qorti qedgha tistabbilixxi illi dawn iz-zewg sewwieqa ghandhom responsabbilta’ ghall-incident in kwistjoni fi grad ta’ terz (1/3) ghall-attur Michael Morris u zewg terzi (2/3) il-konvenut.

Ghaldaqstant issib illi l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghall-hsarat sofferti mill-atturi f’somma ekwivalenti ghal zewg terzi (2/3) ta dik is-somma illi qed tigi likwidata bhala danni totali sofferti mill-atturi.

Dawn id-danni likwidati jammontaw ghas-somma ta’ erba’ t’elef, mija u erbgha u tmenin lira Maltin u sitta u tmenin centezmi (Lm4,184.86), liema ammont ma giex ikkontestat mill-konvenut.

Ghaldaqstant il-konvenut huwa tenut li jhallas lilll-atturi zewg terzi ta din is-somma ekwivalenti ghal ammont ta’ elfejn, seba mija u disa u tmein liri Maltin u disghin centezmi (Lm2,789.90), minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jigi kkompensat mill-attur Michael Morris f’terz mid-danni minnhu sofferti, *si et quatenus.*

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici limitatament billi tiddikjara illi l-konvenut ghandu jigi tenut responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni fi grad ta’ zewg terzi (2/3) u ghaldaqstant ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qeghda tikkundannah sabiex ihallas lill-atturi in solidum bejniethom is-somma komplessiva ta’ ta’ elfejn, seba mija u disa u tmein liri Maltin u disghin centezmi (Lm2,789.90), bl-imghaxijiet legali b’effett mis-6 ta’ Dicembru, 2002, id-data tan-notifika ta’ l-avviz lill-konvenut billi dak inhar saret it-talba gudizzjarja ghall-imghax u f’dak inhar zgur l-atturi kienu digia’ kredituri fl-ammont issa aggudikat u konsegwentement tichad it-tielet eccezzjoni ta’ l-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez il-Qorti tiddikjara li dawn ghandhom jigu maqsuma bejn il-kontendenti terz (1/3) ghall-atturi u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------